ĠIĦAD

Il-Kunċett Veru tal-Iżlam

ĠIĦAD
IL-KUNĊETT VERU TAL-IŻLAM

Il-kunċett tal-Ġiħad fl-Iżlam ilu suġġett ta' kontroversja kbira għal ħafna snin. Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan, iddikjara ċar u tond aktar minn mitt sena ilu li, skont it-tagħlim tal-Koran Imqaddes u tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], l-użu tal-vjolenza fi kwistjonijiet ta' fidi huwa assolutament ipprojbit. F'dan il-fuljett qed nippreżentaw xi ftit siltiet mill-kitbiet tiegħu.

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] (1835-1908)
Il-Messija Mwiegħed u l-Imam al-Maħdi
Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana.

Il-Messija Mwiegħed[as]

Il-Komunità Aħmadija Musulmana, komunità mxerrda mad-dinja kollha, twaqqfet fis-sena 1889. Il-Fundatur tagħha, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan, l-Indja, afferma li huwa r-Riformatur Imwiegħed li l-miġja tiegħu kienet mistennija taħt ismijiet u titli differenti minn ħafna segwaċi ta' għadd ta' reliġjonijiet.

Taħt Gwida Divina, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad għamel stqarrija rivoluzzjonarja meta sostna li għandu jitfaċċa Riformatur wieħed biss, li l-missjoni tiegħu tkun li biex fl-aħħar mill-aħħar iġib lill-umanità kollha taħt il-kappa ta' reliġjon waħda universali. Huwa ddikjara wkoll li r-Riformatur Imwiegħed kellu jidher, mhux f'kapaċità indipendenti, iżda bħala subordinat tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam, Ħażrat Muħammad[sa]. Il-miġja tiegħu, huwa stqarr, ħa twassal finalment għal epoka tad-deheb minħabba reliġjon waħda universali li għal ħafna żmien il-bniedem ħolom u xxennaq għaliha.

L-Iżlam jixtered bis-saħħa tal-kwalitajiet essenzjali tiegħu

L-ebda Musulman ġenwin ma jemmen li l-Iżlam għandu jixtered bil-vjolenza. L-Iżlam dejjem inxtered bis-saħħa tal-kwalitajiet essenzjali tiegħu. Dawk li jsejħu lilhom infushom Musulmani u li jippruvaw ixerrdu l-Iżlam permezz tal-vjolenza ma jagħrfux il-kwalitajiet fundamentali tiegħu u l-imġiba tagħhom tixbah l-imġiba tal-annimali slavaġ. [1]

Il-Koran Imqaddes b'mod espliċitu ma jippermettix l-użu tal-forza għat-tixrid tal-fidi u jinforza t-tixrid tiegħu bis-saħħa tal-kwalitajiet essenzjali tiegħu u l-imġiba eżemplari tal-Musulmani.

Titqarrqux bl-idea li fil-bidu l-Musulmani ġew ordnati biex jaqbdu x-xwabel. Dik ix-xabla ma ntużatx għat-tixrid tal-fidi iżda bħala difiża kontra l-għedewwa tal-Iżlam u bl-għan li jiġu stabbiliti l-paċi u s-sigurtà. Żgur li l-użu tax-xabla ma kienx intenzjonat għall-isfurzar tat-tixrid tal-fidi.[2]

Il-Messija Mwiegħed mhux se jeħodha kontra l-infidili bis-saħħa tax-xabla

It-teorija komuni mxerrda minn xi teologi li l-Messija Mwiegħed se jinżel mis-smewwiet u jissielet kontra l-infidili u li mhux se jaċċetta t-taxxi ugwali għal kulħadd u li se joffri biss l-għażla ta' bejn il-mewt jew l-Iżlam, hija assolutament falza. Hija mimlija b'kull tip ta' żbalji u qerq, tmur kompletament kontra t-tagħlim tal-Koran Imqaddes, u hija biss invenzjoni tal-impusturi. [3]

Il-Kunċett tal-Ġiħad

Jiena diġà ktibt kotba bl-Urdu, bil-Persjan, u bl-Għarbi fejn fihom urejt bil-provi li l-kunċett popolari tal-Ġiħad imxerred fost il-Musulmani, bħall-istennija ta' Imam imxennaq għat-tixrid tad-demm jew it-tkattir tal-mibegħda lejn l-oħrajn, mhuma xejn ħlief ideat malizzjużi u bla viżjoni emmnuti minn kjeriċi bla sinsla.

Għall-kuntrarju, l-Iżlam ma jippermettix il-vjolenza fit-twemmin ħlief fil-każ ta' gwerer ta' difiża, gwerer li jinqalgħu biex jiġi mwarrab xi despotiku, jew dawk li jsiru biex tisseddaq il-libertà. Il-ħtieġa ta' gwerra difensiva tinħoloq

---

1 | Tiryaqul-Qulub, Ruħani Khaza'in, Vol.15, p.167, footnote, 1902
2 | Sitarah Qaisariyyah, Ruħani Khaza'in, Vol.15, p.120-121, 1899
3 | Nurul-Haq, Ruħani Khaza'in, Vol.8, p.67, 1894

biss meta l-aggressjoni tal-avversarji thedded il-ħajja ta' dak li jkun. Ħlief għal dawn it-tliet tipi ta' Ġiħad aċċettati mix-Shariah – il-Liġi Iżlamika, l-ebda forma oħra ta' gwerra ma hija permessa mill-Iżlam fejn tidħol ir-reliġjon.

Biex nenfasizza dan il-kunċett tal-Ġiħad, jien qassamt ħafna kotba f'dan il-pajjiż kif ukoll fl-Arabja, fis-Sirja u fil-Kurasan, eċċ., u ħallast prezz għoli. [4]

L-Iżlam ma jippermettix l-armi bħala ribelljoni

Ta' min wieħed ifakkar ukoll li l-Iżlam jippermetti biss l-użu tal-armi bħala difiża mill-għedewwa u jippermetti l-qtil biss ta' dawk li jibdew joqtlu huma l-ewwel. Ma jippermettix li dawk il-Musulmani li jkunu sudditi ta' renju li jkun ġust u ekwu magħhom jaqbdu l-armi u jirribellaw kontrih. Skont il-Koran Imqaddes, dawn huma l-metodi tal-ħjiena u mhux tat-twajbin. [5]

Il-Messija Mwiegħed ġie biex itemm il-gwerra

Il-kunċett ta' Ġiħad kif inhu mifhum u kif inhu mxerred mill-kjeriċi Musulmani ta' daż-żmien, li jissejħu *maulavis*, huwa kompletament żbaljat.

Ma jista' jirriżulta f'xejn ħlief li bil-prietki impressjonanti tagħhom huma jibdlu nies innoċenti f'annimali slavaġ u jċaħħduhom mill-kwalitajiet kollha tajba tal-bnedmin; u fil-fatt hekk ġara diġà.

Jiena naf fiż-żgur li t-toqol tad-dnubiet ta' dawk in-nies li jwettqu l-massakri minħabba l-injoranza li ġejja wkoll minn dawn il-prietki, u li ma għandhom l-ebda idea għala l-Iżlam kellu jiġġieled f'dawk il-battalji kollha fil-bidu tat-twaqqif tiegħu, **jaqa' fuq l-irjus ta' dawn il-*maulavis* li jibqgħu jferrxu b'mod klandestin dawn l-ideat perikolużi li jwasslu għal tant telfien ta' ħajjiet...**

Huwa miktub li meta jiġi l-Messija Mwiegħed, il-Ġiħad bix-xabla u l-ġlied kollu minħabba r-reliġjon jieqfu għaliex huwa mhu se jaqbad l-ebda xabla jew xi arma dinjija oħra. **L-uniku strument tiegħu se jkun it-talb, u l-uniku arma tiegħu se tkun id-determinazzjoni qawwija tiegħu.** Huwa se jibni l-pedamenti għall-paċi u se jressaq lejn xulxin il-mogħża u l-iljun. L-epoka tiegħu se tkun waħda ta' paċi u tjubija u simpatija umana. Għaliex dawn in-nies ma jirriflettux fuq il-fatt li tlettax-il mitt sena ilu l-Qaddis Profeta[sa] qal: "**Huwa se jtemm il-gwerra**" dwar il-Messija Mwiegħed? [6]

---

4 | Masih Hindustan Mein, Ruħani Khaza'in, Vol.15, p.4-5, 1908
5 | Anjam-e-Atham, Ruħani Khaza'in, Vol.11, p.37, 1897
6 |Government Angrezi Aur Ġiħad, Ruħani Khaza'in, Vol.17, p.7, 1900

Ħbieb! *Warrbu l-ħsibijiet tal-gwerra tal-Ġiħad issa;*

Issa huwa projbit li tmorru għall-gwerra minħabba twemminkom.

Il-Messija, li huwa l-mexxej spiritwali tal-fidi, wasal;

Issa huwa t-tmiem tal-gwerer kollha ta' vjolenza minħabba l-fidi.

Id-dawl ta' Alla issa nieżel mis-smewwiet;

Issa ma jiswa xejn li jinħareġ digriet għall-gwerra u l-ġlied.

Muħammad[sa] – il-Profeta Magħżul – iddikjara ċar u tond li:

Mal-miġja tiegħu, il-Messija Mwiegħed se jtemm il-ġlied għalkollox.[7]

Għeżież! *Il-mod kif wieħed isostni l-fidi huwa ħafna differenti!*

M'għandekx tislet ix-xabla jekk xi ħadd ma jaqbilx!

Għalfejn għandek bżonn tislet ix-xabla biex tiddefendi twemminek;

Dak li jgħix fuq it-tixrid tad-demm ma jissejjaħx fidi. [8]

---

7 | Tuħfae-Golarhviyyah, Ruħani Khaza'in, Vol.17, p.77, 1902

8 |Tiryaqul-Qulub, Ruħani Khaza'in, Vol.15, p.132, 1902

sa *sallallahu 'alaihi wa sallam, li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal- Qaddis Profeta Muħammad[sa].*

as *alaihis-salam, li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].*

Lealtà

Ħelsien

Ugwaljanza

Rispett

Paċi

IMĦABBA GĦAL KULĦADD – MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

'Jihad - The True Islamic Concept' in Maltese language.

Mob: +356 7932 0139 | **Tele:** +356 2734 2401
Tele: +356 2132 2105 | **Fax:** +356 2732 2105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

Stampa: © shutterstock.com